MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 91/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Sean Schembri**

Dan huwa appell mill-Avukat Ġenerali kontra sentenza mogħtija fil-15 ta' Marzu 2006 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li sabet lill-appellat Sean Schembri mhux ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.
Sean Schembri kien mixli mill-Pulizija Esekuttiva talli fis-27 ta' Jannar 2004 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, bħala ċittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, ġibed jew ippermetta li jinġibed xi ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti ta' persuna ta' taħt l-età, jew qassam jew wera ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tiegħu ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika

indeċenti bhal dawn, bi ksur ta’ l-artikolu 208A tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta’ Ġudikatura Kriminali b’sentenza tal-15 ta’ Marzu 2006, wara li sabet illi l-*hard disk*, li kienet il-prova ewlenija tal-prosekuzzjoni, kienet elevata mill-pulizija bi ksur tal-liġi, u għalhekk ma kinitx ammissibbli bħala prova, sabet lill-imputat mhux ħati u illiberatu, u ordnat il-konfiska tal-*hard disk*.

B’rikors tat-23 ta’ Marzu 2006 l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza taħt l-art. 413(1)(*b*)(vi) tal-Kodiċi Kriminali u talab li din il-qorti tirriformaha billi tikkonfermaha fejn ordnat il-konfiska tal-*hard disk* u tħassarha fejn illiberat lill-imputat u, minflok, wara li tqis mill-ġdid il-provi, issibu ħati ta’ l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi piena skond il-liġi.

L-aggravji ta’ l-Avukat Ġenerali huma mfissra hekk fir-rikors ta’ l-appell:

… … … l-ewwel qorti għamlet … … … enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi kwantu jirrigwarda ammissibilità ta’ prova, b’mod li, allura, il-Pulizija ġiet impeduta fil-kawża li ġġib xi prova li kienet indispensabbli, anzi determinanti, biex issaħħaħ l-akkużi, u li skond il-liġi setgħet tinġieb, u b’mod ukoll lil-qorti inferjuri ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

Il-fatti relevanti seħħew hekk:

Wara tfittxija li saret fid-dar fejn joqgħod l-imputat, il-Pulizija elevat *hard disk* minn *computer* ta’ l-imputat; dan il-*hard disk* instab li kien fih xbihat elettroniċi u *videos* indiċenti ta’ persuni taħt l-età, bi ksur ta’ l-art. 208A tal-Kodiċi Kriminali:

**208A.** (1) Kull ċittadin jew resident permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f’Malta, li jiġbdu jew jippermettu li jinġibed xi ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti ta’ persuna ta’ taħt l-età, jew iqassmu jew juru ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indiċenti bħal dawn, jew ikollhom fil-pussess tagħhom ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti bħal dawn, jeħlu, meta jinsabu ħatja, il-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta’ mhux iżjed minn mitejn lira, jew dik il-priġunerija u multa flimkien:

… … …

(4) Meta persuna tkun imputata ta’ tqassim jew wiri, jew ta’ pussess ta’, xi ritratt, *film* jew *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti taħt is-subartikolu (1), hija tista’ tiddefendi ruħha billi tipprova li kellha raġuni leġittima biex tqassam jew turi, jew biex kellha fil-pussess tagħha, dak ir-ritratt, *film*, *video recording*, jew xbieha elettronika jew li hija nnifisha ma kenitx rat ir-ritratt, *film*, *video recording*, jew xbieha elettronika u la kienet taf u lanqas kellha xi raġuni biex tissuspetta li kienu indeċenti.

Għalkemm l-ewwel qorti kienet sodisfatta illi “dan il-materjal kien jinsab fil-*hard disk* ta’ l-imputat bix-xjenza tiegħu”, għax “l-imputat kien konxju tal-fatt illi kien qed jagħmel *search* għal dan il-materjal”, u għalkemm sabet ukoll illi l-imputat, meta xehed, ma qalx liema kienu dawk il-*files* fil-*hard disk* illi hu qatt ma ra, u li ma ħassarhomx biss għax ma setgħux jitħassru, u għalhekk ma setax jinqeda bid-difiża taħt l-art. 208A(4), kompliet tgħid hekk:

… … … il-prova prinċipali tal-prosekuzzjoni hija l-*hard disk* esebita in atti. Minkejja li d-difiża ma għamlet l-ebda oppożizzjoni jew riżerva għas-segwenti, il-qorti hi tal-fehma illi għandha tagħmel dan *ex officio*. U għalhekk qed tinvoka l-artikolu 355E li jipprovdi li ebda perkwiżizzjoni ma tista’ ssir mill-Pulizija *inter alia* f’dar mingħajr mandat maħruġ minn maġistrat ħlief għall-eċċezzjonijiet hemm imsemmija. L-ispettur prosekutur xehdet illi hija kellha *search and arrest* warrant biex tidħol fir-residenza fejn joqgħod l-imputat iżda mhux biżżejjed li jingħad dan mingħajr ma jkun esebit fil-qorti l-istess mandat. Tali nuqqas jirrendi inammissibbli kull ħaġa elevata mill-pussess ta’ l-imputat.

L-Avukat Ġenerali qiegħed issa jappella taħt l-art. 413(1)(*b*)(vi) tal-Kodiċi Kriminali:

**413.** (1) Jistgħu jappellaw mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati –

(*a*) … … …

(*b*) f’każijiet li għandhom x’jaqsmu ma’ proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali taħt l-artikolu 370(1), l-Avukat Ġenerali, u, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant meta:

… … …

(iv) il-Pulizija, jew, skond il-każ, il-kwerelant ma jkunx ġie permess waqt il-ġuri li jipproduċi, b'appoġġ għall-akkuża, xi prova indispensabbli li kienet ammissibbli skond il-liġi;

L-appellat ressaq l-eċċezzjoni preliminari illi l-appell ma setax isir u għalhhekk ma jiswiex għax ma kienx il-każ illi l-Pulizija talbet li tipproduċi xi prova u ma kienx ġie permess lilha li tressaq dik il-prova: fil-każ tallum il-prova tressqet, għax il-*hard disk* kienet esebita fl-atti, u għalhekk l-art. 413(1)(*b*)(vi) ma jgħoddx għall-każ.

Din l-eċċezzjoni, fil-fehma ta' din il-qorti, ma hijiex tajba.

L-ewwel qorti effettivament qalet illi l-prova li ressqet il-Pulizija hija "inammissibbli": għalhekk skartatha bħala prova, mhux għax wara li qisitha dehrilha li ma setgħetx toqgħod fuqha jew li ma titwemminx iżda għax qalet illi ma setgħetx titressaq bħala prova fil-proċeduri. L-effett huwa l-istess bħallikieku l-qorti ma ħallietx *ab initio* illi titressaq dik il-prova.

Fil-meritu, l-ewwel qorti għamlet sew illi qieset il-*hard disk* bħala prova inammissibbli?

Id-deċiżjoni ta' l-ewwel qorti kienet imsejsa fuq l-art. 355E tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid hekk:

**355E.** Salvi l-każijiet fejn il-liġi tipprovdi xort'oħra, ebda uffiċjal tal-Pulizija ma għandu, sakemm ma jkollux mandat minn Maġistrat, jidħol f'xi lokal, dar, bini jew reċint għall-fini li jagħmel xi perkwiżizzjoni hemm ġew jew li jarresta lil xi persuna li tkun għamlet reat jew li tkun raġonevolment suspettata li tkun għamlet jew li tkun se tagħmel xi reat, ħlief jekk -

(*a*) ir-reat ikun delitt, minbarra delitt punibbli taħt l-Att dwar l-Istampa, u jkun hemm periklu imminenti li dik il-persuna tista' taħrab jew li l-*corpus delicti* jew il-provi dwar ir-reat jistgħu jiġu mneħħija; jew

(*b*) il-persuna tinkixef fl-att ta' l-għemil tar-reat innifsu, minbarra reat punibbli taħt l-Att dwar l-Istampa; jew

(*ċ*) l-intervent tal-pulizija jkun meħtieġ sabiex jipprevjeni l-għemil ta' delitt, li ma jkunx delitt punibbli taħt l-Att dwar l-Istampa; jew

(*d*) d-dħul ikun meħtieġ għall-esekuzzjoni ta' xi mandat jew ordni maħruġin minn xi awtorità kompetenti oħra fil-każijiet preskritti bil-liġi; jew

(*e*) l-arrest ikun għall-fini li persuna tinqabad li tkun għadha tiġri barra kontra l-liġi wara li tkun ħarbet minn arrest jew detenzjoni leġittimi.

Ma huwiex kontestat illi l-mandat kien meħtieġ taħt iċ-ċirkostanzi. L-ispettur tal-pulizija li mexxiet it-tfittxija fid-dar ta' l-imputat, iżda, xehdet illi meta daħlet fid-dar, għamlet it-tfittxija u elevat il-*hard disk* kellha l-mandat meħtieġ għalhekk[1], għalkemm dan il-mandat ma kienx esebit fil-qorti.

L-ewwel qorti qalet illi dan ma huwiex biżżejjed: il-mandat kellu jiġi esebit fl-atti, u n-nuqqas ta' dan iwassal biex dak li kien elevat waqt it-tfittxija jkun inammissibbli bħala prova. Din il-qorti, iżda, ma taqbilx.

L-imputat kellu kull opportunità li jitlob il-produzzjoni tal-mandat. Seta' jikkontesta l-legalità tat-tfittxija li kieku din ma saritx bis-saħħa ta' mandat, u seta' jitlob il-produzzjoni tal-mandat waqt is-smigħ tal-proċeduri kontrieh. Il-fatt li ma għamilx dan isaħħaħ il-preżunzjoni illi *omnia rite et recte facta sunt*. Jekk, minkejja l-akkwijexxenza ta' l-imputat għall-produzzjoni tal-*hard disk*, l-ewwel qorti kellha xi dubji dwar il-legalità tat-tfittxija u ta' l-elevazzjoni tal-*hard disk*, setgħet ordnat lill-pulizija tesebixxi l-mandat flimkien mal-*hard disk*. Dan ma għamlitux; ħalliet li l-proċeduri jimxu, u li jsir ukoll l-eżemi tal-*hard disk* fl-awla u kien biss fit-tmiem tal-proċeduri quddiemha li qalet illi l-*hard disk* kienet inammissibbli, u li għalhekk kien imissha ma ippermettietx il-produzzjoni tagħha *ab initio*. Din kienet sorpriża li ma għandhiex tkun fi proċeduri ġudizzjarji.

L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali għalhekk hu ġustifikat.

Dwar il-meritu, din il-qorti hija sodisfatta, bħal ma wara kollox jidher li kienet ukoll sodisfatta l-ewwel qorti, illi ġew provati l-elementi kollha tar-reat. L-imputat huwa ċittadin ta' Malta u residenti permanenti f'Malta, kellu fil-pussess tiegħu fuq *hard disk* xbihat elettroniċi u *films* indeċenti ta' persuni taħtl-età, bi ksur ta' l-artikolu 208A tal-Kodiċi Kriminali. Li kien jaf in-natura ta' dan il-materjal li kellu fil-pussess tiegħu jirriżulta mill-istqarrija ta' l-imputat stess, li

---

[1] Ara x-xhieda ta' l-Ispettur Louise Calleja fis-seduta tal-20 t'April 2004 quddiem l-ewwel qorti, *fol.* 17.

qal illi meta kien qiegħed ifittex fuq l-*internet* kien juża *search words* bħal "*teens*" u *"pre-teens*"[2].
Din il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-imputat tassew kellu fil-pussess tiegħu xbihat elettroniċi indeċenti ta' persuni ta' taħt l-età, u kien jaf li dan il-materjal kien fuq il-*hard disk* tiegħu għax kien deliberatament fittex materjal bħal dak.
Għall-għanijiet ta' piena, il-qorti hija sodisfatta illi l-imputat, li kellu sbatax-il sena meta seħħ dan il-fatt, kien motivat aktar b'kurżità li hija xi ftit jew wisq naturali f'persuni ta' l-età tiegħu, u mhux b'intenzjonijiet aktar malvaġi. Il-qorti rat ukoll ix-xhieda ta' l-Ispettur Paul Caruana li qal illi waqt l-istħarriġ li għamel fuq dan il-każ sar jaf lill-imputat sew, u kompla jgħid illi "llum il-ġurnata jien lil Sean ma nqisux bħala bniedem li għandu kilba għall-pornografija fuq it-tfal"[3].
Wara li qieset dawn il-fatturi kollha, il-qorti hija tal-fehma illi piena ta' priġunerija, ukoll jekk sospiża, ma tkunx xierqa fiċ-ċirkostanzi.
Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell ta' l-Avukat Ġenerali billi tilqgħu: tħassar is-sentenza appellata fejn din sabet illi l-imputat ma kienx ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, u, minflok, issibu ħati talli, bħala ċittadin ta' Malta u residenti permanenti f'Malta, kellu fil-pussess tiegħu f'Malta xbihat elettroniċi indeċenti ta' persuni ta' taħt l-età, u għal dan tikkundannah għal multa ta' ħamsin lira (Lm50). Twettaq is-sentenza appellata fejn din ordnat il-konfiska tal-*hard disk.*
Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta' din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Ara l-istqarrija maghmula mill-imputat minjeddu, wara li nghata t-twissija skondil-ligi, fis-27 ta' Jannar 2004, *fol*. 21; ara wkoll ix-xhieda ta' l-imputat fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2005 quddiem l-ewwel qorti, *foll*. 75 *et seqq.*

[3] Ara x-xhieda ta' l-Ispettur Paul Caruana fis-seduta tal-20 t'April 2004 quddiem l-ewwel qorti, *fol.* 8.